VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,235, 11 ta' April, 2014
Taqsima B

A.L. 122 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2014 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' European Master of Science in Human Language Science and Technology – M.Sc. (HLST) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2014 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' European Master of Science in Human Language Science and Technology – M.Sc. (HLST) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' European Master of Science in Human Language Science and Technology – M.Sc. (HLST) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 119 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-24 ta' Jannar 2014 'il quddiem.

L-Emenda għat-titlu tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Regolamenti tal-2014 tal-Kors għall-Grad ta' Erasmus Mundus Master of Science in Human Language Science and Technology – M.Sc. (HLST) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni"

L-Emenda għar-regolament 1 tal-regolamenti prinċipali

4. Minflok ir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2014 tal-Kors għall-Grad ta' Erasmus Mundus Master of Science in Human Language Science and Technology – M.Sc. (HLST).

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat, responsabbli għall-amministrazzjoni akkademika u għall-organizzazzjoni tal-Kors;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Human Language Science and Technology – M.Sc. (HLST);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Erasmus Mundus Master of Science in Human Language Science and Technology – M.Sc. (HLST);

"din l-Università" tfisser l-Università ta' Malta; u

"l-Universitajiet Imsieħba" tfisser l-istituzzjonijiet li ġejjin:

Saarland University, Germany (Co-ordinating University)
University of Trento, Italy
University of Malta, Malta
University of Lorraine, France
Charles University, Prague, Czech Republic

University of Groningen, The Netherlands
Shanghai Jiao Tong University, China
University of Melbourne, Australia
University of the Basque Country.

(3) Dan il-Grad huwa grad ta' Erasmus Mundus Master ta' din l-Università u dan għandu jfisser li l-Kors huwa mgħallem f'din l-Università bil-kollaborazzjoni ta' Universitajiet Imsieħba fi ħdan qafas ta' programm għal grad doppju."

L-Emenda għar-regolament 3 tal-regolamenti prinċipali

5. Minflok ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għal applikanti li għandhom grad ta' l-ewwel ċiklu miksub bi klassifikazzjoni fit-tieni klassi bl-unuri jew kategorija II jew aħjar f'waħda minn dawn l-oqsma ta' studju li ġejjin: (Computational) Linguistics, Language Technology, Cognitive Science, Computer Science, Mathematics, Artificial Intelligence, jew dixxiplini rilevanti oħra.

(2) (i) L-applikanti jkunu meħtieġa juru li l-livell tal-Ingliż tagħhom huwa sodisfaċenti. L-offerta ta' post fuq il-Kors tista' tkun bil-kundizzjoni li l-applikanti jiksbu dawn il-kwalifiki ta' proficjenza qabel il-bidu tal-istudji tagħhom.

(ii) Il-Proficjenza fl-Ingliż tista' tiġi ċċertifikata minn waħda minn dawn il-kwalifiki li ġejjin:

TOEFL: punteġġ ta' mill-anqas 250 (test fuq il-kompjuter) jew 95 b'punteġġ fil-kitba ta' mill-anqas 24 (test fuq l-internet);

Cambridge Proficiency Examination Advanced Certificate: riżultat ta' grad Ċ jew aħjar;

IELTS: punteġġ ta' mill-anqas 6.5 b'punteġġ minimu ta' 6.0 f'kull element.

(iii) Nies li l-lingwa Ingliża hija l-lingwa nattiva tagħhom u studenti

li attendaw kors tal-Baċellerat mgħallem bl-Ingliż jistgħu ma jkunux meħtieġa jippreżentaw iċ-ċertifikati msemmija hawn fuq, iżda jistgħu jkunu meħtieġa juru l-profiċjenza tagħhom b'mod ieħor."

L-Emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

6. Minflok ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Reġistrazzjoni għall-Kors

5. L-applikanti li jixtiequ jirreġistraw għall-Kors għandhom japplikaw fuq il-formola preskritta fiż-żmien speċifikat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur. Huma għandhom jindikaw f'liema mill-Universitajiet Imsieħba huma jixtiequ jistudjaw, minbarra din l-Università."

L-Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafu (3) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-istudenti jkunu meħtieġa jagħmlu sena ta' studju f'din l-Università u sena oħra fl-Università Msieħba li jagħżlu. Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir f'waħda mill-universitajiet fejn l-istudent ikun qed isegwi t-tieni sena ta' studji, taħt id-direzzjoni tas-Superviżur Prinċipali maħtur minn dik l-Università."

L-Emenda għar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

8. Minflok ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Id-Dissertazzjoni

8. (1) Ix-xogħol għad-dissertazzjoni għandu jsir matul it-tieni sena tal-Kors. Kull student ikun assenjat Superviżur Prinċipali li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari matul il-perijodu ta' studju. Jista' jkun maħtur ukoll ko-superviżur.

(2) L-istudenti, fi żmien xahrejn mill-bidu tat-tielet semestru ta' studju, għandhom jipprovdu titlu provviżorju għad-dissertazzjoni, proposta ta' riċerka ta' mill-anqas 300 kelma u dikjarazzjoni ta' appoġġ minn akkademiku kkwalifikat li jaċċetta li jkun is-Superviżur Prinċipali.

(3) Meta l-istudju fuq id-dissertazzjoni ma jsirx f'din l-Università, membru akkademiku ta' din l-Università għandu jkun maħtur bħala konsulent għall-kwistjonijiet li jikkonċernaw il-preparazzjoni għad-dissertazzjoni biex tiġi sottomessa f'din l-Università.

L-Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

9. Minflok il-paragrafu (4) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Kull student għandu jippreżenta tliet kopji llegati tad-dissertazzjoni lill-Fakultà, li waħda minnhom għandha tinżamm fil-librerija tal-Università u oħra fil-librerija tal-Università Msieħba li tkun tat grad separatament għat-tmiem b'suċċess tal-istess Kors."

L-Emenda għar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali

10. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"10. (1) Il-Bord tal-Istudji għandu jaħtar Panil ta' Superviżjoni għal kull student li jagħmel ir-riċerka għad-dissertazzjoni f'din l-Università. Il-Panil għandu jkun magħmul minn tliet membri kif ġej: iċ-*chairman* tal-Bord tal-Istudji bħala ċ-*chairman* tal-Panil, u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-Superviżur Prinċipali tad-dissertazzjoni, sakemm li meta ċ-*chairman* ikun is-Superviżur Prinċipali huwa m'għandux imexxi l-Panil."

L-Emenda għar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali

11. Minflok il-paragrafi (1) u (2) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"11. (1) Is-Senat għandu jaħtar Bord tal-Eżaminaturi għal kull taqsima studju li ssir f'din l-Università, skont il-provvedimenti tar-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università.

(2) Għall-eżami tad-dissertazzjoni, il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri, iżda jista' jinkludi wkoll eżaminatur barrani li jkun maħtur minn istituzzjoni għajr din l-Università jew l-Universitajiet Imsieħba li attenda l-istudent."

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali

12. Minflok ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Iċ-Ċertifikat tar-Rikonoxximent

13. Iċ-ċertifikat mogħti minn din l-Università għandu jinkludi dikjarazzjoni li tindika liema mill-Universitajiet Imsieħba tat grad separatament għat-tmiem b'suċċess tal-istess Kors."